

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta’ kumpaniji elenkati f’borża u miżuri relatati”

COM(2012) 614 final — 2012/0299 (COD)

(2013/C 133/13)

Relatur: **is-Sinjura SHARMA**

Nhar it-22 ta’ Novembru 2012 u nhar l-10 ta’ Diċembru 2012, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta’ kumpaniji elenkati f’borża u miżuri relatati

COM(2012) 614 final – 2012/0299 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-25 ta’ Jannar 2013.

Matul l-487 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-13 u l-14 ta’ Frar 2013 (seduta tat-13 ta’ Frar 2013), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’128 vot favur, 58 vot kontra u 10 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Fit-test li qed jiġi kkunsidrat, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet direttiva biex ittejjeb il-bilanċ bejn is-sessi fost id-diriġenti mhux eżekuttivi tal-kumpaniji kkwotati f’borża biex tinkiseb preżenza minima ta’ 40 % sal-2020.

1.2 Il-KESE jilqa’ din il-proposta. Filwaqt li jippreferi miżuri volontarji minflok il-kwoti, huwa jagħraf li, mingħajr objettivi legali vinkolanti, f’it se jinbidel fir-rigward tal-bilanċ bejn is-sessi fil-kumpaniji tal-UE kkwotati f’borża. Illum, 13,7 % biss tal-membri fuq il-bordijiet huma nisa, u dan huwa evidenza ċara ta’ diskriminazzjoni.

1.3 Il-KESE u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-bżonn li nirrispettaw il-libertà tat-tweqqif tan-negozju. Din id-direttiva tirrappreżenta standard minimu li jfittex li jtejjeb il-kundizzjonijiet għall-prospertà tan-negozju u jħalli lill-Istati Membri javvanzaw lil hinn mill-miżuri rakkomandati. L-imsieħba soċjali tal-UE nfushom abbozzaw pjan fl-2005, fejn jissemmev haġna mill-argumenti favur l-ugwaljanza bejn is-sessi u ssir enfasi dwar għodod prattiċi għall-Istati Membri u l-kumpaniji (¹).

1.4 Il-forza għall-bidla hija bbażata fuq evidenza qawwija li hemm provvista ta’ nisa kwalifikati haġna fl-Istati Membri kollha, u għaldaqstant kwalunkwe argument favur il-bilanċ

bejn is-sessi għandu jkun ibbażat fuq “ir-regola tal-mertu u preferenza” pjuttost milli fuq diskriminazzjoni pożittiva. Madankollu, għad hemm fatturi li jxekklu lin-nisa milli jieħdu r-riedni, bħan-nuqqas ta’ miżuri ta’ rikoniċiljazzjoni bejn in-negozju u l-ħajja tal-familja, aċċess limitat għal netwerks li huma importanti għal pożizzjonijiet ogħla, nuqqas ta’ fiduċja fihom innifishom, eċċ.

1.5 Il-KESE jittama li dan l-istandard minimu jkun jista’ jiġi adottat mill-korpi pubbliċi u privati kollha li huma responsabbli għat-teħid ta’ deċiżjonijiet, u fi spirtu ta’ awtoregolazzjoni, sabiex tkun evitata aktar leġiżlazzjoni. Dan jista’ jkun japplika għal diretturi eżekuttivi, bordijiet ta’ SMEs elenkati u l-korpi kollha tas-settur pubbliku biex b’hekk jitrawwem ambjent b’aktar ugwaljanza bejn is-sessi, kandidaturi u ħatriet aktar trasparenti, u kultura ta’ inklużjoni u “għażla” fis-soċjetà b’mod sħiħ.

1.6 Il-KESE jirrakkomanda wkoll li dawk li jfasslu l-politiki kif ukoll il-kumpaniji jħarsu mill-għid lejn il-kwistjonijiet sussegwenti biex jiżguraw li l-mira ta’ 40 % tintlaħaq u tinqabeż:

— viżibilità aħjar għan-nisa fir-rwoli b’livell għoli ta’ responsabbiltà;

— trasparenza akbar fit-tfittxija għat-talent;

(¹) http://www.etuc.org/IMG/pdf/framework_of_actions_gender_equality_010305-2.pdf

— żvilupp u żamma ta' massa kritika;

— konfrontazzjoni tal-isterjotipi assoċjati mar-rwoli tal-ġeneri;

— ippjanar tas-suċċessjoni fil-pożizzjonijiet tat-tmexxija;

— ħolqien ta' sors ta' talenti;

— tixrid ta'eżempji ta' prattiki tajba;

— ħolqien ta' bażi tad-data kkoordinata fil-livell Ewropew ta' nisa kkwalifikati biex jikkupaw karigi fuq il-bordijiet.

1.7 Il-KESE jifraħ lis-Sinjura Reding u lil dawk li jappoġġjawha fi ħdan il-Kummissjoni, fil-Parlament u fl-istituzzjonijiet oħra għax għamlu l-ewwel pass lejn Ewropa aktar bilanċjata u għax ikkontestaw l-idea ta' min għandu jkun fuq il-bordijiet, sabiex tkun żgurata soċjetà aktar inklużiva. Din hija bidla sostanzjali fl-attitudnijiet. Il-KESE jagħraf li twettqu riċerka estensiva, analiżi legali u konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili sabiex tiġi preżentata direttiva prattika li toffri flessibbiltà adegwata kemm lill-kumpaniji kif ukoll lill-Istati Membri fir-rigward tal-applikazzjoni u l-iskadenzi tagħha, filwaqt li jkunu rrispettati l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

1.8 L-ostakli biex tintlaħaq l-ugwaljanza bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet huma profondi aktar mill-argumenti mressqa dwar suppożizzjonijiet dwar il-ġeneri u l-isfidi tal-provvista. Ftit jista' qatt jintlaħaq mingħajr ir-rieda tal-irġiel u n-nisa flimkien favur azzjoni pożittiva llum sabiex imorru lil hinn mill-kliem u jirrispettaw il-fehmiet ta' kull wiehied minnhom. **Is-saħħa tal-Ewropa ġejja mill-“unità fid-diversità” tagħha, imma l-ewwel trid tiġi uttilizzata d-diversità.**

1.9 Il-KESE jitlob li din il-Proposta għal Direttiva tkun tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-bilanċ bejn is-sessi fost il-membri tal-bord tad-diretturi li jirrappreżentaw l-impjegati tal-kumpanija, b'kunsiderazzjoni tat-termini partikolari tal-ħatra tagħhom.

2. Kuntest

86,3 % tal-membri tal-bordijiet huma rġiel

2.1 L-ugwaljanza bejn is-sessi hija waħda mill-oġġettivi tat-twaqqif tal-UE, kif rifless fit-Trattati tagħha (Artikolu 3(3) TUE) u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (Artikolu 23). Skont l-Artikolu 8 tat-TFUE, l-Unjoni għandha timmira għat-tneħħija tad-disparità bejn is-sessi u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza. Id-dritt tal-UE biex taġixxi dwar kwistjonijiet tal-ugwaljanza tas-sessi fl-impjieg u x-xogħol joħroġ mill-Artikolu 157(3) tat-TFUE.

2.2 Hemm disparità konsiderevoli bejn l-Istati Membri tal-UE f'dak li hu numru ta' nisa fuq il-bordijiet, u dan bħala riżultat ta' politiki li jvarjaw. Ir-rwol tan-nisa fuq il-bordijiet ġie mifli għal numru ta' deċennji, imma b'mod speċjali matul l-aħħar sentejn hekk kif l-UE ġeddet l-impenn tagħha għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-bordijiet ta' kumpaniji elenkati. Id-dibattitu kien iwarja mill-introduzzjoni ta' kwoti legalment vinkolanti għal awtoregolamentazzjoni mingħajr konsegwenzi għan-nuqqas ta' konformità. Approċċi volontarji li jkunu effettivi għadhom deħlin bil-mod. **Is-sena l-oħra kien hemm titjib ta' 0,6 % biss fin-numru ta' nisa fuq il-bordijiet**, b'24 kumpanija biss jiffirmaw l-impenn tal-2011.

2.3 Il-miżuri tal-Istati Membri huma mifruxa u jvarjaw minn kwoti legalment vinkolanti b'sanzjonijiet sa awtoregolazzjoni f'setturi speċifiċi u, kif mistenni, ir-rappreżentanza tan-nisa fuq il-bordijiet tvarja daqstant ieħor. Madankollu, **il-pajjiżi li għandhom kwoti vinkolanti ġeneralment juru żieda ta' 20 % fl-għadd tan-nisa fuq il-bordijiet**. Sitt pajjiżi li ma ħadu l-ebda azzjoni raw tnaqqis fin-numru tan-nisa fuq il-bordijiet. (Ara l-Anness 1)

2.4 Sal-aħħar tal-2011, 11-il Stat Membru adotta liġijiet li jistabbilixxu kwoti jew miri għar-rappreżentazzjoni tal-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpaniji. Franza, l-Italja u l-Belġju allokaw kwoti u sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità; Spanja u l-Olanda adottaw liġijiet dwar kwoti mingħajr sanzjonijiet; id-Danimarka, il-Finlandja, il-Greċja, l-Awstrija u s-Slovenja implimentaw regoli li japplikaw biss għall-bordijiet ta' kumpaniji kkontrollati mill-istat; u fil-Ġermanja d-dimensjoni tal-ġeneri hija koperta mir-regolamenti dwar ir-rappreżentazzjonijiet tal-ħaddiema fuq il-bordijiet.

2.5 Inevitabbilment, il-varjazzjonijiet bejn l-Istati Membri differenti influwenzaw il-preżenza tan-nisa fuq il-bordijiet. Il-pajjiżi li għandhom kwoti vinkolanti esperjenzaw żieda ta' 20 %, minkejja li l-Italja kella żieda ta' 4 % biss. F'dawk il-pajjiżi li implimentaw kodiċi dwar tmexxija korporattiva ż-żieda perċentwali tvarja minn 11 % sa 2 %.

2.6 Bil-livelli ta' kisba attwali, **Franza hija l-uniku pajjiż li mistenni jilħaq il-mira ta' rappreżentazzjoni femminili ta' 40 % fuq il-bordijiet sal-2020.** Li kieku kellhom jiġu estrapolati l-livelli attwali ta' rappreżentazzjoni femminili fil-bordijiet, l-UE b'mod globali mhix se tilħaq il-mira ta' 40 % sal-2020 ⁽²⁾.

2.7 L-oġġettivi jkunu effettivi biss jekk ikunu akkumpanjati minn sanzjonijiet, u għalhekk għandu jkun hemm biżżejjed sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Id-direttiva tippovdi għal evidenza ta' nuqqas ta' konformità fil-każi kollha, bl-obbligu jaqa' fuq il-kumpaniji biex jagħtu prova dwar id-diliġenza dovuta minnhom fil-proċess ta' reklutaġġ. Is-sanzjonijiet jaħdmu bl-aktar mod effettiv meta jkunu speċifikati, imposti u implimentati mill-pajjiż ikkonċernat, u għalhekk il-Kummissjoni għamlet biss rakkomandazzjonijiet f'forma ta' linji gwida dwar sanzjonijiet possibbli.

2.8 Il-Kummissjoni tagħraf il-bżonn tar-rispett tal-libertà fundamentali tan-negozji biex joperaw mingħajr xkiel, imma temmen li din il-libertà m'għandhiex tissostitwixxi n-norma ġuridika jew id-drittijiet fundamentali. Din id-direttiva hija standard minimu li jfittex li jtejjeb il-kundizzjonijiet għan-negozju u lis-suq intern billi joħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-kumpaniji li jinnegozjaw f'diversi Stati Membri.

2.9 Id-direttiva tistabbilixxi skeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tal-oġġettiv kwantitattiv ta' 40 % sal-2020 biex tippermetti ċ-ċiklu ta' ħatriet fuq il-bordijiet fi ħdan kumpaniji individwali. Din id-direttiva għandha wkoll klawżola sunset tal-2028, wara liema żmien ma tkunx tinħtieġ aktar.

2.10 Il-potenzjal tat-talent femminili jista' jtejjeb biss permezz ta' miżura fuq livell tal-UE, li tkun flessibbli b'kunsiderazzjoni tad-diversità fost l-Istati Membri, filwaqt li tkun tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju ta' sussidjarjetà.

3. L-ugwaljanza bejn is-sessi hija dritt fundamentali u valur komuni tal-UE

3.1 Il-KESE jemmen li ż-żieda fil-proporzjon tan-nisa fil-pożizzjonijiet ta' teħid tad-deċiżjonijiet hija mira li għandhom daww l-atturi kollha tas-soċjetà ċivili li jippromovu b'mod attiv l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-KESE ħareġ bosta Opinjonijiet dwar il-bilanċ bejn is-sessi fis-soċjetà, u fir-rapport dwar Ir-rwol tal-kunsilli ekonomiċi u soċjali u istituzzjonijiet simili fil-governanza l-ġdida dinjija, ekonomika, soċjali u ambjentali (The role of the EESCs and Similar Institutions in the new economic, social and environmental world governance) enfasizza li (...) il-

parità politika, id-demokrazija vera u l-ugwaljanza mhux se jiġu stabbiliti mingħajr mandati legali li jitolbu rappreżentazzjoni ekwa.

3.2 Minbarra li hija prekundizzjoni għad-demokrazija vera u għal soċjetà b'bilanċjata, hija wkoll kundizzjoni essenzjali biex jinkisbu l-oġġettivi tal-UE għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Ir-riċerka mill-Bank Dinji u minn Transparency International turi li fejn in-nisa jkunu rappreżentati tajjeb fit-teħid tad-deċiżjonijiet tiżdied it-trasparenza u tonqos il-korruzzjoni. Governanza tajba fil-livelli kollha tas-soċjetà hija tajba għas-soċjetà.

3.3 'Il fuq minn 51 % tal-popolazzjoni tal-UE hija femminili, bin-nisa jirrappreżentaw 45 % tal-impjeg filwaqt li jipprovdu l-forza li twassal għal aktar minn 70 % tad-deċiżjonijiet tax-xiri. Għaldaqstant, sabiex jtejjeb il-bilanċ bejn is-sessi, il-KESE xtaq jara l-introduzzjoni ta' miżuri legali obbligatorji b'sanzjonijiet fil-livelli kollha tas-soċjetà, għall-korpi kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan ikun jikkonfronta l-perċezzjoni dwar min għandu jiġi inkluż fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u min għandu jiżgura soċjetà inklużiva.

"Illum jidher ċar li n-nisa u l-irġiel ma jistgħux jiġu diskriminati abbażi tal-ġeneru" ⁽³⁾

IMMA l-fatt hu li 96,8 % tad-diriġenti huma rġiel.

3.4 L-espansjoni fl-ekonomija globali hija riżultat dirett tal-kapaċità umana, xprunata min-nisa li huma forzi għall-bidla ġeopolitika b'impatt fuq is-saħħa, l-educazzjoni, l-assistenza soċjali, l-ambjent u l-produttività ekonomika, u dan kollu joħloq każ kummerċjali b'saħħta favur in-nisa fuq il-bordijiet. Id-diversità tal-ġeneri mhix assi minħabba d-dehra korporattiva imma wkoll għax torbot aktar flimkien ir-rabtiet bejn il-kumpanija, l-impjegati, it-titolari u l-klijenti. Għalhekk, għalkemm id-diversità hija rikonnoxxuta bħala aspekk fundamentali tal-politiki kollha tas-CSR fis-settur privat minħabba l-valur tagħha, l-ħafna kumpaniji din għad trid tiġi mwettqa fil-prattika.

3.5 Għalkemm il-kwoti m'humix faċli, dawn jipprovdu mod effettiv għall-promozzjoni tan-nisa fil-pożizzjonijiet fil-bordijiet, kif saħaq Laurence Parisot, President tal-MEDEF, waqt diskors fil-Plenarja tal-KESE fl-2012: **"M'għandux ikun hemm bżonn ta' kwoti – imma dawn huma l-uniku mod biex jinqatgħu l-preġudizzji tal-irġiel dwar l-imkompetenzi tan-nisa"**.

⁽²⁾ Dokument tal-valutazzjoni tal-impatt.

⁽³⁾ COM(2012) 615 final.

3.6 Min-naħa l-oħra, xi nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija ħarġu bil-qawwa kollha kontra kwoti legalment vinkolati, billi jħossu li dawn inaqqsu l-valur tal-kisbiet tagħhom. Jeżisti biża' konkret li l-kwoti jifgħu dell ikrah fuq nisa li jieħdu pożizzjoni ta' tmexxija.

3.7 Sabiex in-nisa jiġu promossi f'pożizzjonijiet fuq bordijiet, huwa importanti li jiġu implimentati l-politiki neċessarji li jhegħu lin-nisa jieħdu rwol ta' tmexxija, inklużi miżuri sabiex jiġu rikonċiljati l-ħajja tan-negozju u l-ħajja tal-familja, biex jithegħeġ in-netwerking u l-progressjoni tal-karriera fil-livelli kollha, kif ukoll biex titqajjem sensibilizzazzjoni u jinbidlu l-attitudnijiet.

4. Forzi tat-tmexxija għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv

4.1 Potenzjal ekonomiku

4.1.1 Hekk kif l-Ewropa tkompli tikkumbatti ekonomika-ment, il-qawmien tagħha mill-ġdid jiddependi mill-attività ta' forza tax-xogħol li tkun taħdem kollha kemm hi, u dan ifisser il-parteċipazzjoni attiva tan-nisa. Anke qabel il-kriżi, l-imsieħba soċjali tal-UE, UNICE/UEAPME, CEEP u ETUC1 hađu l-impenn li jtejbu l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol u fuq il-post tax-xogħol. Fl-2005 huma identifikaw il-promozzjoni tan-nisa fit-teħid tad-deċizzjonijiet bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħhom, u fir-rapport tagħhom irrakkomandaw għodod prattiċi biex jippromovu l-inklużjoni tan-nisa ⁽⁴⁾.

4.1.2 Il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej tpoġġi l-fokus fuq it-tkabbir bl-innovazzjoni, ir-riċerka, it-taħriġ, il-ħiliet, il-protezzjoni tal-konsumaturi u r-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji (CSR) – miri ewlenin għal intervent mill-Kummissjoni biex tippromovi bl-aħjar mod iż-żieda fl-opportunitajiet tan-negozju. Dawn kollha jeħtieġu dimensjoni tal-ġeneri bilanċjata sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu riżultati sostenibbli.

4.1.3 51 % tal-popolazzjoni tal-UE hija femminili. Ħafna nisa għandhom kwalifiki għolja u ħiliet kbar, u għalhekk il-kontribut tagħhom huwa importanti għall-forza tax-xogħol. L-istudenti nisa huma numerużi aktar mill-kontraparti maskili tagħhom fil-livell ta' edukazzjoni terziarja, u bħala riżultat hemm **50 % tan-nisa bi kwalifiki għolja aktar milli hemm irġiel disponibbli fis-suq tax-xogħol**. Ir-rapport Davies jidentifika skarsezza fil-forza tax-xogħol tar-Renju Unit li tista' tiġi kkom-pensata bl-ingaġġ ta' 2 miljun ħaddiem ikkwalifikat matul l-10 snin li ġejjin, u ħafna minn dawn iridu jkun nisa bi kwalifiki għolja ⁽⁵⁾.

⁽⁴⁾ http://www.etuc.org/IMG/pdf/framework_of_actions_gender_equality_010305-2.pdf

⁽⁵⁾ Davies, "Women on Boards, One Year On" (In-Nisa fuq il-bordijiet, sena wara), Marzu 2012 <http://www.bis.gov.uk/assets/biscore/business-law/docs/w/12-p135-women-on-boards-2012.pdf>

4.1.4 Barra dan, il-parteċipazzjoni ekonomika tan-nisa għandha benefiċċi finanzjarji u soċjali estensivi għall-pajjiżi. L-Indiċi Globali tad-Disparità bejn il-Ġeneri (Global Gender Gap Index) għall-2011 wera li **l-pajjiżi b'livell aktar għoli ta' ugwaljanza bejn is-sessi kellhom PDG ogħla għal kull ras** ⁽⁶⁾.

4.1.5 Skont Goldman Sachs, żieda fin-numru tan-nisa fil-forza tax-xogħol tista' ssaħħaħ il-PDG b':

— 21 % fl-Italja;

— 19 % f'Spanja;

— 9 % fi Franza u fil-Ġermanja; u

— 8 % fir-Renju Unit.

4.1.6 Firxa wiesgħa ta' riċerka dwar ir-raġunament ekonomiku favur in-nisa fuq il-bordijiet tagħti argumenti konvinċenti favur it-titjib fil-prestazzjoni tal-kumpaniji. Riċerka minn Credit Suisse (2012) ⁽⁷⁾, McKinsey (2007) ⁽⁸⁾, u Catalyst (2004) ⁽⁹⁾ kollha turi b'mod indipendenti korrelazzjoni bejn is-sehem tan-nisa fil-bordijiet u l-prestazzjoni finanzjarja tal-kumpanija. Pereżempju:

— Ir-rapport McKinsey jidentifika **redditi fuq l-ekwità (ROE) ogħla b'41 % għall-kumpaniji bl-ogħla proporzjon ta' nisa fuq il-bordijiet** meta mqabbla ma' kumpaniji li m'għandhomx nisa fuq il-bordijiet;

— Catalyst sabet li **l-kumpaniji li għandhom 14.3 – 38.3 % ta' nisa fil-postijiet għolja tat-tmexxija kellhom ROE li kien 34.1 % ogħla** minn dak ta' kumpaniji li ma kellhomx livelli simili ta' nisa f'pożizzjonijiet għolja.

⁽⁶⁾ L-Indiċi Globali tad-Disparità bejn il-Ġeneri (Global Gender Gap) għall-2011; World Economic Forum, <http://www.uis.unesco.org/>

⁽⁷⁾ Istitut tar-Riċerka Credit Suisse, Awwissu 2012; "Gender diversity and corporate performance" (Id-diversità bejn il-ġeneri u l-prestazzjoni korporattiva).

⁽⁸⁾ McKinsey, "Women Matter: Gender Diversity: a corporate performance driver" (2007) (In-nisa jgħoddu: Id-diversità bejn il-ġeneri: xprun tal-prestazzjoni korporattiva).

⁽⁹⁾ "The Bottom Line: Connecting Corporate Performance and Gender Diversity" (Fl-aħħar mill-aħħar: ir-relazzjoni bejn il-prestazzjoni korporattiva u d-diversità bejn il-ġeneri), Jannar 2004, Catalyst.

— Credit Suisse tqis li l-kumpaniji li għandhom nisa fuq il-bordijiet juru prestazzjoni tal-prezz tal-ishma ogħla meta mqabbla mal-kontraparti tagħhom mingħajr nisa fuq il-bordijiet.

4.1.7 Jeżistu studji li juru li d-diversità tal-ġeneri fil-bordijiet ftit li xejn ħalliet impatt fuq il-prestazzjoni finanzjarja, imma x-xejra dominanti hija waħda li turi korrelazzjoni pożittiva bejn il-preżenza femminili fil-bordijiet u l-prestazzjoni finanzjarja tal-kumpaniji.

4.2 *Każ kummerċjali*

4.2.1 Hemm diversi raġunijiet li jispjegaw it-titjib fil-pres-tazzjoni tal-kumpaniji li għandhom rappreżentazzjoni varjata tal-ġeneri fil-bordijiet tagħhom. Wieħed mill-argumenti prinċipali jinsab fir-rieda biex wieħed ikun involut fi ħsieb kritiku divers fir-rigward tad-deċiżjonijiet tan-negozju, u b'hekk jinħoloq mudell tan-negozju proattiv.

4.2.2 Il-fehim tad-diversità fis-suq għandu valur finanzjarju kbir ħafna u huwa prerekwiżit għall-korporazzjonijiet fsuq internazzjonali.

4.2.3 L-innovazzjoni u l-prestazzjoni tal-bordijiet - Is-saħħa li n-nisa jagħtu lill-bord toriġina mid-diversità u l-esperjenza tagħhom, minn kif jindirizzaw il-problemi, u mis-swieq u l-opportunitajiet ġodda permezz tal-ispeċjalizzazzjoni tagħhom stess bħala konsumaturi. Il-ħsieb differenti huwa fundamentali għall-innovazzjoni u għat-titjib fil-prestazzjoni tan-negozju; dan jikkonfronta s-suppożizzjonijiet u jinkoraġġixxi fokus estern akbar fuq swieq ġodda u eżistenti. L-impatt tal-influwenza reċiproka tal-ideat huwa qawwi u dan jista' jiġi applikat għall-opportunitajiet transkonfinali għar-rappreżentazzjoni fuq il-bordijiet. L-isfida għall-bordijiet hija biex jadattaw għal sħubija tabilħaqq diversa u biex jagħrfu kif jużaw l-isfidi tan-negozju b'mod produttiv.

4.2.4 Id-diversità fil-bordijiet tfisser diversità vera fl-aktar sens wiesa'. Il-KESE mhux qed jipproponi li l-pożizzjonijiet fil-bordijiet jinżammu għal numru żgħir ta' nisa li jduru fuq numru ta' bordijiet. Din il-prattika, tipikament magħrufa bħala r-regola "golden skirts", iddgħajef il-pilastru ċentrali tad-diversità fil-bordijiet. Riżultati Norveġiżi wrew li 62 % tal-irġiel kienu jokkupaw pożizzjoni waħda biss fuq bord filwaqt li din iċ-ċifra kienet ta' 79 % għan-nisa. Il-KESE jippromovi d-dritt tal-

irġiel u n-nisa li jkollhom l-għażla u l-aċċess ugwali għall-pożizzjonijiet fuq il-bordijiet abbażi tal-mertu.

5. Implimentazzjoni

5.1 Biex jintlaħqu l-miri kwantitattivi għan-nisa fuq il-bordijiet jeħtieġ jiddaħħlu miżuri biex jiżguraw suċċess. Għandha titħaddem taħlita ta' miżuri fuq perjodu qasir u medju biex jiġi żgurat li d-diversità fil-bordijiet tinżamm wara l-2028. Għandhom jiġu kkunsidrati dawn li ġejjin:

5.1.1 **Viżibilità aħjar għan-nisa fir-rwoli b'livell għoli ta' responsabbiltà** – id-definizzjoni tal-profil ta' dawk in-nisa li jkun laħqu pożizzjonijiet fil-livell ta' bord fl-Istati Membri differenti, żieda fl-għarfien dwar dawn in-nisa fil-komunità aktar wiesgħa tan-negozju, u turija tal-impatt tad-diversità fil-bord fuq is-suċċess tan-negozju.

5.1.2 **Trasparenza akbar fit-tfittxija għat-talent** – Il-proċess ta' reklutaġġ fuq il-bordijiet huwa fil-parti l-kbira nieqes mit-trasparenza, u jiddependi min-netwerks personali. Biex tiġi attirata l-aktar firxa wiesgħa ta' talent, l-opportunitajiet jeħtieġu jiġu promossi u preżentati f'manjera li tħajjar applikazzjonijiet mill-individwi kollha li għandhom talent.

5.1.3 **Żvilupp u żamma ta' massa kritika** – Huwa biss meta jkun hemm massa kritika suffiċjenti biex jiġu kkonfrontati s-suppożizzjonijiet li nsiru konxji tal-valur ta' ħsieb divers fil-bordijiet; għaldaqstant hija ħtieġa assoluta li n-nisa jikkostitwixxu 40 % tal-membri fuq il-bordijiet. Trasparenza akbar fil-proċess ta' reklutaġġ tiżgura li tiġi kkunsidrata l-aktar firxa wiesgħa ta' kandidati u telimina r-riskju tar-regola "golden skirt" ⁽¹⁰⁾.

5.1.4 **Konfrontazzjoni tal-isterjotipi assoċjati mar-rwoli tal-ġeneri** – Intlaħaq progress kbir fir-rigward tar-rwoli domestiċi li jservu ta' ostakli għall-parteċipazzjoni ekonimika tan-nisa. Il-miżuri huma pass fid-direzzjoni t-tajba u se jgħinu biex tiddied il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-bordijiet.

⁽¹⁰⁾ "Golden Skirts fill the board rooms" (Il-'Golden Skirts' jimlew il-kmamar tal-bordijiet), Artiklu minn BI Norwegian Business School. 31.10.2012. Editat minn Morten Huse (2011): "The 'Golden Skirts'. Changes in board composition following gender quotas on corporate boards" (Il-'Golden Skirts'. Tibdil fil-kompożizzjoni tal-bordijiet b'segwitu għall-kwoti tal-ġeneri fil-bordijiet korporattivi).

5.1.5 **Ħolqien ta' sors ta' talenti** – Biex il-benefiċċju tal-bordijiet b'diversità jiġi sostnut jinħtieġ fluss kontinwu ta' individwi bi kwalifiki għolja li jkollhom kemm l-aspirazzjoni kif ukoll d-dispożizzjoni biex jassumu pożizzjonijiet fuq il-bordijiet. Bilfors irid jinholq ambjent li jgħin lin-nisa jsibu triqthom fil-labirint ⁽¹¹⁾ matul il-karrieri tagħhom u biex jiksbu pożizzjonijiet fil-bordijiet. Mill-punti msemija hawn fuq jifforma sors b'saħħtu; il-preżenza ta' mudelli ta' eżempju femminili, il-proċessi ta' reklutaġġ aktar trasparenti, u l-ippjanar ċar għas-suċċessjoni fil-pożizzjonijiet tat-tmexxija lkoll jipprovdut s-sisien għad-diversità tal-ġeneri fil-bordijiet.

5.1.6 Ħolqien ta' bażi tad-data kkoordinata fil-livell Ewropew – b'dettalji ta' nisa li huma kkwalifikati biex jokkupaw karigi fuq il-bordijiet. B'hekk jiġu indirizzati preokkupazzjonijiet dwar l-inviżibbiltà tan-nisa li huma eliġibbli biex jokkupaw karigi fuq il-bordijiet. Il-baży tad-data tkompli tnaqqas il-periklu li jkun hemm minoranza żgħira ta' nisa li jiġu rreklutati f'diversi karigi u toħloq trasparenza akbar fil-proċess tar-reklutaġġ. Baży tad-data fil-livell Ewropew tappoġġja l-argument favur l-iskambju tal-ħiliet u l-esperjenza fl-Istati Membri differenti flimkien ma' opportunitajiet ta' impjeg f'setturi differenti.

Brussell, 13 ta' Frar 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON

⁽¹¹⁾ Ara "Through the Labyrinth: The Truth About How Women Become Leaders" (Fil-labirint: Il-verità dwar kif in-nisa jsiru mexxejja), minn Alice Eagly u Linda Carli.

ANNEX 1

għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċew aktar minn kwart tal-voti:

Punt 1.2

Ibdel it-test kif ġej:

"Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proporzjon tan-nisa fuq il-bordijiet tal-kumpaniji tela' minn 13,7 % f'Jannar 2012 għal 15,8 % f'Jannar 2013. Ir-rekwiżit neċessarju biex din ix-xejra tkompli huwa l-impenn min-naħa tal-kumpaniji, u huwa għalhekk li l-KESE ma jistax jappoġġja l-kwoti iġenerali, minkejja li jagħraf il-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni għenet b'mod konsiderevoli biex jiżjed l-għarfien u għaldaqstant l-impenn biex din ix-xejra tkompli din il-proposta. Filwaqt li jippreferi miżuri volontarji minflok il kwoti, huwa jagħraf li, mingħajr objettivi legali vinkolanti, f'it se jinfideli fir-rigward tal bilanċ bejn is-sessi fil-kumpaniji tal-UE kkotati f'borża. Ilum, 13,7 % biss tal-membri fuq il-bordijiet huma nisa, u dan huwa evidenza ċara ta' diskriminazzjoni."

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 78

Kontra: 102

Astensjonijiet: 5

Punt 1.5

Ibdel it-test kif ġej:

"Il-KESE jittama jemmen li l-mira ta' 40 % tista' tinkiseb mill-korpi pubbliċi u privati tat-tehd tad-deċiżjonijiet kollha permezz ta' miżuri volontarji, pressjoni bejn il-pari u billi jiżjed in-numru ta' nisa (u rġiel) fil-livelli għolja f'kull settur ikkonċernat u li dan l-istandard minimu jkun jista' jiġi adottat mill-korpi pubbliċi u privati kollha li huma responsabbli għat-tehd ta' deċiżjonijiet, u fi spirtu jippreferi ta' awtoregolazzjoni u miżuri h'fief, sabiex tkun evitata aktar legislażjoni. Dan jista' jkun japplika għal diretturi eżekuttivi, bordijiet ta' SMEs elenkati u l-korpi kollha tas-settur pubbliku biex b'hekk jitravwem ambjent b'aktar ugwaljanza bejn is-sessi, kandidaturi u ħatriet aktar trasparenti, u kultura ta' inklużjoni u "għażla" fis-soċjetà b'mod sħiħ. Il-KESE jenfasizza li numru kbir ta' Stati Membri diġà nedew firxa sħiħa ta' inizjattivi li jippromovu n-nisa fuq bordijiet tal-kumpaniji; kwalunkwe inizjattiva tal-UE għandha tirrispetta dawn l-inizjattivi nazzjonali."

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 75

Kontra: 107

Astensjonijiet: 3

Punt 1.7

Ħassar it-test kif ġej:

"Il-KESE jifraħ lis-Sinjura Reding u lil dawk li jappoġġjawha fi h'dan il-Kummissjoni, fil-Parlament u fl-istituzzjonijiet oħra għax għamlu l-ewwel pass lejn Ewropa aktar bilanċjata u għax ikkontestaw l-idea ta' min għandu jkun fuq il-bordijiet, sabiex tkun żgurata soċjetà aktar inklużiva. Din hija bidla sostanzjali fl-attitudnijiet. Il-KESE jagħraf li twettqu rċerka estensiva, analiżi legali u konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili, sabiex tiġi preżentata direttiva Prattika li toffri flessibilità adegwata kemm lill-kumpaniji kif ukoll lill-Istati Membri fir-rigward tal-applikazzjoni u l-iskadenzi tagħha, filwaqt li jkunu rispettati l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità."

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 79

Kontra: 107

Astensjonijiet: 5

Punt 2.2

Żid it-test kif ġej:

"Hemm disparità konsiderevoli bejn l-Istati Membri tal-UE f'dak li hu numru ta' nisa fuq il-bordijiet, u dan bħala riżultat ta' politiki li jvarjaw. Ir-rwol tan-nisa fuq il-bordijiet ġie misli għal numru ta' deċennji, imma b'mod speċjali matul l-aħħar sentejn hekk kif l-UE għaddet l-impenn tagħha għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-bordijiet ta' kumpaniji elenkati. Id-dibattitu kien iwarja mill-introduzzjoni ta' kwoti legalment vinkolanti għal awtoregolamentazzjoni mingħajr konsegwenzi għan-nuqqas ta' konformità. Approċċi voluntarji li jkunu effettivi għadhom deklin bil-mod. **Is-sena l-oħra kien hemm titjib ta' 0.6 % biss fin-numru ta' nisa fuq il-bordijiet**, b'24 kumpanija biss jiffirmaw l-Impenn tal-2011 (the 2011 Pledge). Minkeja dan, il-KESE jirrimarka li normalment il-mandat ta' diretturi mhux eżekuttivi jkun ta' bejn tliet snin u ħames snin. Għaldaqstant, il-KESE kien jippreferi li kieku l-kumpaniji Ewropej ingħataw iktar żmien biex jiffirmaw l-Impenn tal-2011 sabiex jżied l-għadd tan-nisa fuq il-bordijiet."

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 82

Kontra: 90

Astensjonijiet: 8

Punt 2.7

Ibdel it-test kif ġej:

"L-oġettivi jkunu effettivi biss jekk ikunu akkumpanjati minn sanzjonijiet, u għalhekk għandu jkun hemm biżżejjed sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Id-direttiva tipprovdi għal evidenza ta' nuqqas ta' konformità fil-każi kollha, bl-obbligu jaq' fuq il-kumpaniji biex jagħtu prova dwar id-diliġenza dovuta minnhom fil-proċess ta' reklutaġġ. Is-sanzjonijiet jaħdmu bl-aktar mod effettiv meta jkunu speċifikati, imposti u implimentati mill-pajjiż ikkonċernat, u għalhekk il-Kummissjoni għamlet biss rakkomandazzjonijiet f'forma ta' linji gwida dwar sanzjonijiet possibbli. Madankollu, il-KESe jitlob biex jiġi żgurat li s-sanzjoni ta' nullità jew l-annulament tal-ħatra jew elezzjoni ta' diretturi mhux eżekuttivi ma taffettwax id-deċiżjonijiet li ħa dan il-bord, inkella l-kumpaniji kkonċernati ssirihom ħsara kbira."

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 71

Kontra: 93

Astensjonijiet: 7

Punt 2.10

Żid it-test kif ġej:

"Il-potenzjal tat-talent femminili jista' jittejjeb biss permezz ta' miżura fuq livell tal-UE, li tkun flessibbli b'kunsiderazzjoni tad-diversità fost l-Istati Membri u d-diversità fl-istruttura tal-bordijiet, filwaqt li tkun tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju ta' sussidjarjetà u d-drittijiet tas-sjeda privata. Il-ħtiġijiet ta' kumpanija jvarjaw skont il-gamma ta' prodotti u l-kljenti; iwarjaw ukoll biż-żmien, skont it-tip u d-daqs tal-kumpanija, l-istruttura propjetarja, l-operat u l-fażi ta' żvilupp eċċ."

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 80

Kontra: 100

Astensjonijiet: 8

Punt ġdid 2.11

"Għalhekk, il-KESE kien jippreferi l-awtoregolazzjoni bħala l-mod adatt sabiex titjeb is-sitwazzjoni, billi tipprovdi l-flessibilità neċessarja għall-ġestjoni tal-opportunitajiet indaqs fil-livelli kollha kif ukoll taħlita proprja u adatta taż-żewġ sessi fil-livell tal-bord, skont iċ-ċiklu, it-tiġdid u l-prospetti ta' tkabbir fuq medda twila ta' żmien taqghom stess. Il-KESE jenfasizza li numru kbir ta' Stati Membri diġà xprunaw għadd kbir ta' inizjattivi biex jippromovu n-nisa fil-bordijiet tal-kumpaniji; kwalunkwe inizjattiva tal-UE għandha tirrispetta t-tali inizjattivi nazzjonali."

Riżultat tal-votazzjoni:

Favur: 78

Kontra: 99

Astensjonijiet: 9
